MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# Is-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 97/7

Il-Ħamis 22 ta' Frar 2018

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

John Mary Calleja – Sindku
Romeo Baldacchino – Viċi Sindku
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier
George Fenech – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Sarah Camilleri – Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Joseph M Formosa – Uffiċjal

AĠENDA

97.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

97.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (95/7 [18/01/18]; 96 [17/01/18] u 98/7 [15/02/18]);

97.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

97.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

97.5 Rapporti;

97.6 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa pubblika li saret fit-18 ta' Jannar 2018;

97.7 Pubblikazzjoni tal-ktieb 'Omm ta' Bosta Wlied 2';

97.8 Monument tal-Gudja – progress;

97.9 Bye law dwar il-parkeġġ ġewwa l-Gudja;

97.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

97.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---------------------------------------------------------

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku s-Sur John Mary Calleja ppresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.07pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**97.1.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

97.1.1 Ma kienx hemm apoloġiji.

**97.2.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (95/7 [18/01/18]; 96 [17/01/18] u 98/7 [15/02/18]);**

97.2.1 Dawn il-minuti li ġew iċċirkulati għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa ġew meħuda bħala moqrija b'mod unanimu.

97.2.2 Fuq proposta tas-Sindku u ssekondata mill-Viċi Sindku s-Sur Baldacchino dawn il-minuti ġew approvati nem con.

97.2.3 Punti li tqajmu mill-minuti – 95/7 (18/01/18).

a. Tema 95.5.2 – Green Team Gudja Criterium. Il-Kunsill qabel ukoll li jesplora l-possibilità li parti mill-fondi netti jingħataw lill-persuni jew familjari ta' tfal u żgħażagħ fil-Gudja li jkunu sejrin għat-trattament fi sptarijiet speċjalizzati barra minn Malta.

Is-Sur Fenech ġibed l-attenzjoni li fil-fehma tiegħu l-Kunsill ma kienx iddiskuta fuq donazzjonijiet lil residenti biex ikopru trattamenti ta' familjari fi sptarijiet fl-Ingilterra.

Is-Sur Fenech ġibed l-attenzjoni li l-proċeduri u l-linji gwida tal-Kunsilli Lokali ma jippermettux li jsir dan.

Is-Sur Fenech stqarr li jekk il-Kunsill kien ikun qed jaqbel fuq xi ħaġa simili l-Kunsill kellu jkollu linji gwida kif talbiet simili kellhom ikunu indirizzati għal benefiċċju tar-residenti kollha ndaqs.

Dwar dan il-punt kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill mhux f'sitwazzjoni idonja li jagħmel u jħaddem xi proċeduri li jkunu meħtieġa u għalhekk meta l-Kunsill jorganizza attività li fiha jkun jista' jiġbor xi fondi għal skopijiet ta' għajnuna għandu jiġi miftiehem li jgħaddi dawn il-fondi lis-soċjetajiet u fondazzjonijiet bħal Community Chest Fund li l-għan ewlieni tagħhom huwa li jgħinu lil persuni li jkunu fil-bżonn.

Meta xi persuni jersqu għand il-Kunsill u jitolbu l-għajnuna, il-Kunsill jaħdem sabiex jgħin lil dawn il-persuni billi jagħmel kuntatt ma' dawn l-għaqdiet u fondazzjonijiet sabiex dawn il-persuni jiġu megħjuna skont il-każ.

**97.3.0 Komunikazzjoni mis-Sindku**

97.3.1 CCTVs kameras madwar il-Gudja. Is-Sindku informa lill-Kunsill li wara li kellu laqgħa mal-Kummissarju u uffiċjali għolja fil-Korp tal-Pulizija, kellu wkoll laqgħa mal-Ispettur u esperti oħra fl-għassa taż-Żejtun dwar kif wieħed jista' jimxi 'l quddiem dwar dan il-għan li meta jiġu installati l-kameras dawn ikunu effettivi u joffru aktar sigurtà u osservanza tal-linji.

Is-Sur Sammut stqarr li dawn is-CCTVs huma ta' ħtieġa u wieħed jistenna li dan il-proġett ta' ħtieġa jidħol fis-seħħ fl-aqsar żmien possibbli għaliex jekk ma jsirx dan kemm il-vandaliżmu kif ukoll serq u ħmieġ f'postijiet diversi jista' jiżdied.

97.3.2 Proġett ta' żvilupp mill-MIA. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill illi l-applikazzjoni PA/005548/10 dwar MasterPlan tal-MIA ġiet approvat. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill kien ħatar lill-Perit Carmel Cacopardo sabiex jirrappreżenta lill-Kunsill sabiex l-interessi tal-Gudja u dawk tar-residenti jiġu mħarsa bl-aħjar mod possibbli.

Is-Sindku qal li skont l-approvazzjoni tal-permess tal-PA hemm dik li tissejjaħ il-planning gain u s-somma totali tista' tlaħħaq mal-€4m li skont kif stabbilit titqassam lill-Kunsilli kollha li jmissu mal-arjuport b'mod indaqs.

Il-Kunsill għalhekk għandu jkompli jsegwi u jaħdem sabiex jakkwista parti sostanzjali ta' dawn il-fondi peress li dan l-iżvilupp l-aktar li jidher li se jaffettwa lill-Gudja u r-residenti tal-Gudja.

Is-Sur Sammut stqarr li fiċ-ċirkustanzi issa huwa l-mument li l-Kunsill jagħmel ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu u jidħol f'diskussjoni mal-MIA dwar l-issue tal-parkeġġ u affarijiet oħra li qed jolqtu l-Gudja minħabba l-operat tal-MIA.

97.3.3 Xogħol fl-inħawi Tal-Għoljiet. Is-Sindku qal li hemm bżonn li dawn l-inħawi jiġu mnaddfa sewwa. Dan jeħtieġ li dak id-debris li nġema' maż-żmien jinġabar u wra jitnaddfu l-ġnubijiet jingħata wkoll ftit konkos. Hemm il-ħtieġa ta' kiri ta' bob cat. Huwa stmat li hemm il-ħtieġa ta' xi 15-il vjaġġ li l-aħjar offerta mis-suq hija dik ta' €60.00 (inkluż il-VAT) għal kull vjaġġ. Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sindku

**95.4.0 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

95.4.1 Il-mistoqsijiet ġew imwieġba taħt is-sezzjoni 'Rapporti' u f'partijiet oħra f'dawn l-istess minuti.

**95.5.0 Rapporti**

97.5.1 Romeo Baldacchino (Viċi Sindku)

a. Ġbir ta' skart domestiku. Is-Sur Baldacchino stqarr li kien qed jirċievi ħafna ilment speċjalment dwar li fil-Ħdud dan il-ġbir jew li ma jsirx jew li jsir b'nuqqasijiet serji.

Is-Sur Baldacchino qal li fil-kuntratt hemm speċifikat il-ġbir ta' skart fil-Ħdud u festi. Dan is-servizz huwa meħtieġ li jsir sew speċjalment issa li l-Kunsill qabel (għar-raġunijiet siewja) li jitneħħew l-iskips għal skart domestiku.

Il-Viċi Sindku qal li huwa osserva li anke qed ikun hemm boroż tal-iskart qrib l-iskola u jibqgħu ma jinġabrux. Dan ikun ta' eżempju ħażin għat-tfal li jkunu deħlin u ħerġin fl-iskola.

Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel u ddeċieda li titnaqqas l-pagament ta' ġurnata mill-kont tal-kuntrattur responsabbli.

Il-Kunsill innota wkoll li l-kuntrattur qed ukoll jiġbor b'van mhux mgħotti sewwa u l-inġenji u makkinarju qed iħallu riħa tinten u ħmieġ ieħor warajh wara li jinġabar l-iskart. Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sur Baldacchino.

F'dan l-istadju s-Sur Sammut żied li fil-pjazza hemm bżonn ta' dustbins li jixirqu l-ambjent.

Is-Sindku wieġeb li għalkemm huwa kien qed jaqbel ma' dak li qal is-Sur Sammut huwa kien qed jinnota li dawn id-dustbins li hemm madwar il-Gudja qed ukoll jintużaw ħażin fit-tfigħ ta' ħrieqi u fdalijiet tal-ikel. B'hekk dawn id-dustbins qed jimtlew malajr b'dan il-ħmieġ u anke b'boroż suwed bi skart domestiku.

Is-Sindku qal li xi żmien ilu kien hemm dustbins anke fi Triq R. Caruana iżda kellhom jinqalgħu minħabba użu ħażin u abbuż.

Is-Sur Sammut qal li jekk isiru CCTVs ukoll fil-pjazza dawn jgħinu sabiex dawn id-dustbins jintużaw tajjeb u skont kif maħsuba.

Saret diskussjoni u s-Sindku stqarr li dan l-aħħar kien hemm xi nies li nqabdu mill-Green Wardens jabbużaw u jispera li l-abbużi jonqsu.

Il-Kunsill qabel li d-dustbins eżistenti jiġu mnaddfa kuljum.

Il-Kunsill iddeċieda li jinxtraw żewġ dustbins sabiex jitpoġġew fil-pjazza u qabel li l-Viċi Sindku jkun inkarigat li jara li jkunu addattati kemm li jambjentaw sewwa mal-għamara tal-pjazza kif ukoll il-protezzjoni kontra l-użu ħażin tagħhom.

97.5.2 George Fenech (Kunsillier)

a. Ftuħ tal-Għassa tal-Pulizija. Is-Sur Fenech ġibed l-attenzjoni li l-Għassa kienet qed tkun miftuħa fuq l-antiporta u bid-dawl mixgħul iżda xorta waħda mhux qed ikun hemm preżenza ta' Pulizija fiha speċjalment matul il-ġimgħa.

   Is-Sindku wieġeb li l-Pulizija jkun barra fuq xogħol speċjalment ħdejn l-iskola primarja. Is-Sur Fenech qal li għandu d-dubju tiegħu dwar dan.

b. Earth Day clean up sites. Is-Sur Fenech ġibed l-attenzjoni li minn korrispondenza tal-15/2/2018, ħareġ li l-Kunsill kellu jindika s-sit ta' fejn ġie deċiż li jitnaddaf bħala parteċipazzjoni u lanqas ġie nominat site header. F'dan l-istadju s-Sur Sammut bagħat imejl minnufih biex jgħarraf dwar deċiżjoni ta' għażla għal post li ġie indikat bħala l-inħawi tal-Kappell ta' Loretu kif ukoll l-għażla ta' site header.

c. Dħul mill-attività Gudja Criterium. Is-Sur Fenech staqsa jekk kienx hemm xi dħul minn din l-attività apparti li l-Kunsill għamel tajjeb u ħallas spejjeż ta' €820.00. Is-Sindku wieġeb li kien għadu qed jistenna l-kuntatt mad-diriġenti tal-Green Team u jinforma lill-Kunsill aktar dawn dan.

d. Laqgħa tar-Reġjun – deċiżjoni dwar tarmak fit-toroq ġewwa l-Gudja. Is-Sur Fenech qal li kien ikun tajjeb li kieku s-Sindku seta' jattendi għal dan il-laqgħa iżda li ma setax jattendi minħabba l-laqgħa tal-Kunsill li ħabtet mal-istess data u ħin tal-Kunsill.

   Is-Sindku wieġeb li d-dati tal-laqgħat tar-Reġjun mhux dejjem ikunu avżati bil-quddiem iżda l-Kunsill jagħmel dak kollu possibbli sabiex dawn il-laqgħat ma jaħbtux flimkien.

   Dwar it-tarmak is-Sindku stqarr li dwar dan il-Kunsill kien diġà għamel is-sottomissjonijiet tiegħu u sejjer ukoll isegwi dwar dan.

97.5.3 Mark Anthony Sammut (Kunsillier)

a. Sigħat ta' użu tal-grawnd tal-futbol skont il-ftehim li kien sar bejn il-Kunsill Lokali tal-Gudja u l-Gudja United FC. Is-Sur Sammut qal li huwa stmat li fadal madwar 300 siegħa minkejja li dan il-ftehim kien għalaq.

Użu tal-grawnd. Is-Sur Sammut qal li l-Kunsill kien qed jippjana sabiex darba fix-xahar (nhar ta' Ħadd) tiġi organizzata attività sportiva għal kulħadd u tkun b'xejn għat-tfal tal-Gudja. Jista' wkoll li dan l-attività issir is-Sibt flok il-Ħadd. Ikun hemm ħtieġa ta' *coach* wieħed jew tnejn iżda dan jiddependi mill-konkorenza.

Kull *coach* għall-attività ta' 3 sigħat jitħallas €60 (skont SportMalta) u allura jekk ikun hemm 2 *coaches* il-ħlas ikun ta' €120 kull serata. Dan il-ħlas isir mill-Kunsill.

b. Attività sportiva bil-għan filantropiku. Is-Sur Sammut qal li nhar it-Tnejn 19 ta' Marzu 2018 sejra tiġi organizzata din l-attività fil-grawnds tal-Gudja United FC minn organizzazzjoni volontarja u sejrin jintużaw 3 sigħat mit-300 siegħa li fadal f'isem il-Kunsill skont il-ftehim mal-Gudja United FC. Il-Kunsill qabel ma dak li qal is-Sur Sammut.

c. Sapport u nkoraġġament dwar attivitajiet sportivi. Is-Sur Sammut qal li jidher li hemm possibilità li l-Gudja United FC jiġu promossi. Dan l-interess iqanqal aktar interess fl-isports u għal dan il-għan il-Kunsill qabel li jħallas għal mini bus/coach (skont kif ikun meħtieġ) sabiex kull min ikun jixtieq jattendi għal-logħob ikun jista' jagħmel dan bla ħlas. Dwar dan is-servizz l-invoice dwar il-minibus/coach għandha toħroġ f'isem il-Kunsill Lokali tal-Gudja. Dan l-arranġament dwar 6 jew 7 logħbiet finali għandu juri l-kollaborazzjoni tal-Kunsill sabiex jinkoraġġixxi l-isports u l-eżerċizju fiżiku li jippromwovi s-saħħa fiżika qalb ir-residenti tal-Gudja.

Il-Kunsill qabel u ddeċieda li jagħmel il-finanzjament kif ikun meħtieġ.

97.5.4 Stefan Caruana (Kunsillier)

a. Riġenerazzjoni ta' Ġnien R. Caruana. Is-Sur Caruana staqsa dwar dan il-proġett speċjalment li hemm bżonn urġenti ta' manutenzjoni. Is-Sindku wieġeb li meta l-Kunsill sar jaf li dan il-proġett seta' ġie 'shelved' il-Kunsill għamel kull rappreżentazzjoni possibbli sabiex jingħata tagħrif dwar dak li seta' ġara u kien għaddej dwar dan il-proġett għaliex it-tħejjija u l-involviment tal-Kunsill ilhom lil bdew għal dawn l-aħħar 3 snin.

Il-Kunsill wera t-tħassib tiegħu għaliex ma fehemx x'seta' ġara li meta sa żmien ilu kien infurmat li l-proġett seta' jitwettaq mal-bidu tas-sena 2018 għaliex kien hemm vot7044/17 li kien fih il-fondi għall-proġett, issa qisu li dan il-proġett ġie mwarrab. Allura wieħed jistaqsi fejn marru dawn il-fondi?

Is-Sur Baldacchino qal li jħossu mweġġa' u ddiżappuntat dwar dak li seta' ġara u li dan il-proġett mhux qed jiġi mwettaq kif miftiehem. Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill għandu jibqa' jinsisti li dan il-proġett għandu jseħħ kif kien maqbul.

Il-Kunsill iddeċieda li jitlob laqgħa mas-Sur Raymond Farrugia (Direttur Ġenerali) sabiex jingħata tagħrif b'mod irett tas-sitwazzjoni preżenti dwar dan il-proġett u dwar il-possibilità li dan il-proġett ikompli u jimix kif kien imwiegħed u maqbul.

Is-Sindku qal li l-kunsilliera kollha huma mistiedena li jkunu preżenti għal dan il-laqgħa u kien sejjer jinforma lil Kunsill dwar l-eżitù tal-laqgħa fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

Saret diskussjoni dwar il-ħtieġa ta' xogħol ta' manutenzjoni sakemm jibda dan il-proġett għaliex hemm periklu.

Hemm bżonn li jitneħħa l-periklu speċjalment li dalwaqt li dan il-ġnien sejjer ikun iffrekwentat aktar fil-ġranet tar-rebbiegħa u fil-jiem tas-sajf meta kemm residenti kif ukoll persuni minn bnadi oħra jiġu f'dan il-lok mal-qraba u l-ħbieb tagħhom.

b. Ġnien Ġ. Cassar. Is-Sur Caruana staqsa lis-Sindku dwar dan il-proġett. Is-Sindku qal li fil-fatt huwa kellu diversi kuntatt dwar dan il-proġett iżda kien qed jistenna li jkollu proposta formali li jkun jista' jippreżenta għal-konsiderazzjoni tal-Kunsill fi żmien opportun.

c. Dawl fi Triq R. Caruana. Is-Sur Caruana qal li l-kuntrattur responsabbli għandu jiġi mitlub sabiex jara l-possibilità li jiżdied id-dawl f'din it-triq speċjalment fl-ewwel parti tat-triq.

d. Dawl fuq l-istatwi u s-Salib fil-pjazza. Is-Sur Caruana qal li s-sitwazzjoni preżenti hemm bżonn li tiġi indirizzata sewwa peress li d-dawk anke hekk b'mod esperimentali mhux sodisfaċenti u ġab ilmenti mingħajr riżultati mixtieqa. Is-Sur Caruana qal li dan id-dawl għandu jinqala' sakemm tinsab soluzzjoni denja.

Is-Sur Baldacchino qal li peress li d-dawl li kien fl-art serva fil-passat (għalkemm issa jidher li għandu problema fil-manutenzjoni), il-Kunsill għandu jikkonsidera sewwa li jerġa' jmur għal dawl b'sistema ta' dawl mill-art.

Is-Sur Baldacchino qal li għandu jsir dak kollu possibbli sabiex id-dawl fuq l-istatwi ma joħloqx inkonvenjent lir-residenti tal-madwar.

Il-Kunsill qabel li minħabba l-importanzja ta' din il-materja s-Sur Baldacchino kien sejjer ikompli bil-kuntatt tiegħu mal-kuntrattur u jekk ikun hemm bżonn

il-Kunsill isejjaħ laqgħa b'urġenza sabiex jiddeċiedi dwar soluzzjoni xierqa fl-aħjar interess ta' kulħadd.

**97.6.0 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa pubblika li saret fit-18 ta' Jannar 2018**

97.6.1 Il-Kunsill ħa konjizzjoni u approva dawn il-minuti u ddeċieda li jaġixxi dwar il-punti mqajma mill-pubbliku speċjalment dwar il-ħtieġa ta' possibilità aktar ta' parkeġġ għar-residenti tal-Gudja.

**97.7.0 Pubblikazzjoni tal-ktieb 'Omm ta' Bosta Wlied 2'**

97.7.1 Is-Sur Fenech stqarr li fil-fehma tiegħu u wara li ttieħdu l-konsiderazzjonijiet meħtieġa mit-3 kwotazzjonijiet li rċieva l-Kunsill, l-istampar tal-pubblikazzjoni tal-ktieb 'Omm ta' Bosta Wlied 2' għandu jingħata lill-kumpanija Best Print għaliex din hija l-aktar favorevoli u li tilħaq il-bżonnijiet li talab il-Kunsill.

Din il-kwotazzjoni tammonta għas-somma ta' €2150.00 + 5% VAT għal 500 kopja.

Il-Kunsill filwaqt li qabel u ddeċieda dwar dak li qal is-Sur Fenech, qabel ukoll li jinforma lis-Sur Bertram Portelli bid-deċiżjoni tal-Kunsill u li is-Sur Portelli għandu jibqa' jissorvelja dak kollu meħtieġ sabiex din il-pubblikazzjoni tkun tal-ogħla kwalità.

Dwar il-pretenzjoni tal-awtur, is-Sur Fenech qal li kien qiegħed jikkuntattja sorsi kompeteneti li jistgħu jagħtu l-informazzjoni meħtieġa u li meta jkollu din l-informazzjoni huwa kien sejjer jinforma lill-Kunsill dwar dan fi żmien opportun.

Dwar din il-pubblikazzjoni ma hemmx sponsors.

**97.8.0 Monument tal-Gudja – progress**

97.8.1 Is-Sur Fenech qal li sal-jum stipulat il-Kunsill irċieva 4 sottomissjonijiet għall-kompetizzjoni tal-monument għal Jum il-Gudja. Is-Sur Fenech qal li jidher li fil-fehma tiegħu dawn is-sottomissjonijiet huma ta' kalibru tajjeb u li kien qed jiġi ssuġġerita li jinħatar bord tal-għażla magħmul minn persuni kompetenti.

Ġew ssuġġerita dawn il-persuni: Mario Gatt, Perit Carm Ellul, Joe Galea, Fabio Scicluna, kif ukoll bil-possibilità li jkun hemm persuna jew aktar magħrufa fuq livell nazzjonali fil-kompetenza tagħhom f'dan il-qasam.

Il-Kunsill qabel li ssir komunikazzjoni ma' dawn il-persuni sabiex jiġi miftiehem il-'modus operandi' bil-għan li jkun hemm l-aħjar għażla u li jitwettaq ix-xogħol u li l-monument ikun f'postu sal-15 ta' Lulju 2018.

**97.9.0 Bye law dwar il-parkeġġ ġewwa l-Gudja**

97.9.1 Is-Sindku stqarr li fil-fatt meta kien hemm laqgħat mal-konsulenti dwar din il-*bye law* ħareġ li ma kienx possibbli li timplimenta din il-bye law u għalhekk tista' ma tiġix milqugħa.

Is-Sur Sammut qal li fil-fehma tiegħu s-Sindku kien qed jonqos li jaġixxi skont kif ikun hemm ftehim li dan l-abbuż ikun f'idejn il-Kunsill sal-01 ta' Frar 2018.

Is-Sur Sammut qal li ta lanqas is-Sindku kellu jsejjaħ laqgħa b'urġenza u mhux iħalli dan id-dewmien, 20 ġurnata wara.

Is-Sindku qal li minn dak li qed jissemma' fuq livell nazzjonali l-kwistjoni ta' parkeġġ għar-residenti tinsab rifjutata u l-Kunsill jista' jitlef u jiġu ordnat li jneħħi l-linji blu.

Is-Sur Sammut qal li jifhem li mingħajr arloġġ li juri l-ħin u data ta' meta tiġi pparkjata l-vettura li mhux liċenzjata b'indirizz fil-Gudja sejjer ikun hemm xi diffikultà dwar l-infurzar ta' din il-bye law kif proposta iżda bil-miktub l-Kunsilliera għandhom ma rċevew xejn.

Is-Sur Caruana qal li fil-fatt il-Kunsill ħa deċiżjoni li nagħmlu bye law. Is-Sur Sammut qal li din il-bye law kellha titwettaq sal-aħħar ta' Frar 2018.

Is-Sur Fenech stqarr li bye law simili waqgħet peress li twaqqaf id-dritt taċ-ċittadin u dan anke wassal li l-Kunsill tas-Sliema għadhom jiġġieldu dwar dan id-dritt.

Is-Sur Sammut qal li ma hemm xejn li jagħtik dritt li tipparkja sakemm ma tidħolx liġi oħra li tistabbilixxi u tirregola dwar dan.

Il-bye law kif proposta hija maħsuba li tagħti d-dritt ta' parkeġġ lir-residenti tal-Gudja u dan għaliex fil-Gudja jeżistu ċirkustanzi speċifiċi, simili bħal dawk li jeżistu ġewwa l-Belt Valletta.

Is-Sur Sammut kompla billi stqarr li meta ftit taż-żmien ilu kien jingħad li l-Kunsill ma jistax jiddiskrimina dwar il-parkeġġ għar-residenti dan ma baqax jista' jingħat meta b'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali li fiha ppresedit l-Imħallef Jacqueline Padovani Grima ġiet stabbilit li l-Kunsill jista' jagħmel skemi ta' parkeġġ li jistgħu jiddiskriminaw u dan sakemm ikun hemm bilanċ bejn il-viżitaturi u r-residenti.

Is-Sur Caruana qal li kienet tkun aħjar li s-Sindku għamel laqgħa b'urġenza u ma stenniex bla ebda bżonn.

Kemm is-Sur Sammut kif ukoll is-Sur Caruana insistew li l-Kunsill irid ikollu draft ta' bye law mill-aktar fis għaliex din kienet deċiżjoni tal-Kunsill.

Is-Sindku wieġeb li sejjer ikun hemm konsultazzjoni dwar dan mal-kunsulent legali u malli jirċievi draft tal-bye law, din tiġi ċċirkulati għand il-Kunsilliera kollha għall-kummenti tispettivi tagħhom u wara jekk ikun hemm bżonn, tissejjaħ laqgħa b'urġenza bil-għan li l-Kunsill ikompli jimxi dwar il-byelaw skont il-proċedura stabbilita dwar il-bye laws.

**97.10.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

97.10.1 Il-Kunsill approva lista' ta' pagamenti nru 53/7 hekk kif ippreżentata u pproponuta mis-Sindku s-Sur JM Calleja u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur G. Fenech għall-ammont ta' €23,882.84.

97.10.2 Il-Kunsill iddeċieda li jżomm il-pagament ta' WM Environmental Ltd dwar is-servizz ta' non urban peress li l-kuntrattur naqas u dan għal diversi xhur, li jipprovdi l-Kunsill tax-xogħol li jkun wettaq meta fil-fatt il-Kunsill ikollu bosta ilmenti li mhux qed isir xogħol kif meħtieġ.

**97.11.0 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

97.11.1 Dawl fuq iż-żebra crossing fil-bidu ta' Vjal it-Torri, il-Gudja. Il-Kunsill ġie infurmat li dan id-dawl issa jinsab jopera u dan wara ħafna ħidma tal-Kunsill sabiex ikun hemm aktar sigurtà fuq il-post speċjalment malli tinżel ix-xemx.

97.11.2 Dawl fuq iż-żebra crossing fit-tarf ta' Triq Bir Miftuħ. Il-Kunsill qabel li jitlob lil B Grima & Sons Ltd sabiex jipproċedi b'dak meħtieġ dwar id-dawl peress li t-trinka li taqsam it-triq hija lesta.

97.11.3 Dawl fuq żebra crossing l-parti t'isfel ta' Vjal it-Torri. Il-Kunsill qabel li l-kuntrattur u membri tal-Kunsill imorru fuq il-post u jaraw dwar dak meħtieġ.

97.11.4 Bdil fis-sistema tat-traffiku fi Triq F. Castagna, il-Gudja. Il-Kunsill ġie infurmat li kien irċieva talba sabiex it-traffiku jibda jidħol biss min-naħa ta' fejn l-entratura ta' quddiem l-iskola Sta Ġiovanna Antida u joħroġ għal Vjal it-Torri. Il-Kunsill qabel li qabel jiddelibera dwar din it-talba l-Kunsill għandu jkollu konsultazzjoni mar-residenti u ma min għandu interess permezz ta' ittra ċirkulari sabiex tingħata l-preferenza u l-għażla.

Il-Kunsill qabel ukoll li meta fi żmien stipulat, il-Kunsill ikun irċieva r-risposta dwar il-preferenzi jkun jista' jikkonsidra dan waqt laqgħa tal-Kunsill.

Il-Kunsill juri l-konsultazzjoni mar-residenti u l-passi li jista' jieħu l-Kunsill ikun juru b'mod l-aktar miftuħ dwar ix-xewqat tar-residenti u ta' dak li għandhom interess dirett ġewwa Triq F. Castagna.

97.11.5 Xogħlijiet ta' patching fejn ikun meħtieġ. Il-Kunsill qabel li jinxtara tarmak u sealer sabiex isir xogħol ta' patching kif meħtieġ peress li issa li waqfet ix-xita dehru diversi ħofor.

97.11.6 Tabella. Il-Kunsill qabel li tinxtara tabella dwar l-inħawi rurali fil-kontrada ta' Loreto.

97.11.7 Għeluq u aġġornament. Peress li l-materja fuq l-aġenda ġiet eżawrita s-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8.33pm u aġġorna għat-22 ta' Marzu 2018 fis-6.00pm bil-aġenda li tiġi ċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum ________________________

John Mary Calleja
Sindku

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv